**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NRU. 2385**

Każ Nru: 3352 / ET

Fit-Tilwima tax-xogħol

bejn

Malta Freeport Terminals Ltd (MFTL)

u

General Workers' Union (GWU)

u

Union Ħaddiema Magħqudin (UHM)

Illum : 7 ta' Mejju, 2015

*dwar: kif u minn min għandu jsir il-proċess ta' verifikazzjoni bejn il-Unions, u sabiex it-Tribunal jistabilixxi t-termini u l-kundiżżjonijiet għat tali proċess.*

**Chairman : Is- sur Edmund Tabone MA BA (Hons) Dip Mgmt**

**Membri : Is-sur Michael J. Mallia**
**Is-sur John Bencini**

Wara li sema' l-partijiet u studja l-każ, it-Tribunal qed jiddeċiedi li l-verifikażżjoni bejn il-Unions għandha ssir permeżż ta' 'secret ballot' u dan il-proċess għandu jitmexxa mid-Dipartiment tax-Xogħol u Relażżjonijiet Industrijali.

Il-proċess għandu jitmexxa bi trasparenża assoluta u għaldaqstant b'rappreżentanza miż-żewġ Unions involuti GWU u UHM, kif ukoll mill-Kumpanija, MFTL. Ir-rappreżentanti msemmija għandhom ikunu preżenti f'kull ħin tal-proċess sakemm ikun hemm riżultat uffiċjali.

It-Tribunal qed jistabilixxi ukoll li l-ħaddiema eliġibbli għas-'secret ballot' huma dawk kollha full-time fil-kategorija tal-General Workforce li huma membri fil-UHM jew fil-GWU sa tnejn u sebgħin siegħa (72 hours) mid-data u l-ħin li fija ssir is-'secret ballot'. Naturlament iż-żewg Unions iridu juru provi dokumentati ta' dan, liema provi jitqabblu ukoll mal-lista uffiċjali ta' ħaddiema tal-Kumpanija, MFTL li tkun ukoll verifikata mill-Employment and Training Corporation (ETC).

It-Tribunal jagħrraf li dan il-proċess għandu jintemm sal-Gimgħa 5 ta' Gunju 2015.

| | | |
|---|---|---|
| **ft/Edmund Tabone**<br>**Chairman** | **ft/Michael J. Mallia**<br>**Membru** | **ft/John Bencini**<br>**Membru** |

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja